MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 371/2007

**Krea (Malta) Ltd C-30172**

**vs**

**Joan Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra** li t-TALBA hi dwar hlas ta’ hames mija, tmienja u tletin lira maltin (LM538) u cioe’ ekkwivalenti ghal elf mitejn u tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,253.20) bilanc minn prezz ta’ ghamara mibjugha u konsenjata lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ ittra bonarja u bl-imghax sal-jum tal-pagament effettiv – bil-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

**Ra** r-RISPOSTA formulata hekk:-

1. Preliminarjament l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-sueccepit l-inkompetenza ta’ dan it-Tribunal *rationai valoris* ai termini tal-artikolu 3(2) tal-Kap. 380 tal-ligijiet ta’ Malta in kwantu l-valur tal-kuntratt mertu ta’ dan il-kaz jeccedi l-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suecepit, fil-meritu it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-merkanzija *de quo* mhiex tal-kwalita pattwita, hija afflitta minn difetti u di piu ma hiex armata ossia mpoggija skond is-sengha u l-arti u mhiex idoneja ghall-iskop li ghaliha hi ntiza.

**Ra** l-provvediment ta’ dan it-TRIBUNAL, diversament presedut, moghti fl-udjenza tat-3 ta’ Marzu, 2008 (moghti wara NOTI kopjuzi tal-partijiet) fejn awtorizza lis-socjeta’ attrici li ttella tixhed lill-konvenuta limitatament ghall-kwistjoni tal-preskrizzjoni eccepita u dana fl-isfond tal-fatt li l-istess socjeta’ attrici ghazlet li tikkumbatti dik l-ecezzjoni preliminari bil-prova tal-interrazzjoni u/jew ir-rinunzja.

**Ra** s-sentenza preliminari moghtija fl-10 ta’ Dicembru, 2008 mit-TRIBUNAL diversament presedut fejn giet michuda l-ewwel eccezzjoni solevata mill-konvenuta u dana billi bit-tielet eccezzjoni taghha hi rrinunzjat ghall-ewwel eccezzjoni u dana ghax “l-ghemil taghha huwa inkompatibbli mal-volonta’ taghha li tivvantaggja ruhha mill-preskrizzjoni li seghet akkwistat”.

**Ra** l-verbal imnizzel fl-udjenza tas-6 ta’ Mejju, 2009 fejn id-difensur tal-konvenuta, prezenti l-konvenuta, qal li m’hemmx kontestazzjoni ta’ dak mitlub bhala *quantum*.

**XHIEDA**

**Ra** li dwar il-bqija tal-kontestazzjoni x-xhieda hi kif gej.

A Chris Gauci, ghas-socjeta’ attrici qal hekk:

1. Huma kienu bieghu kcina lill-konvenuta u fiha zviluppa difett **<u>fil-bibien kollha</u>**. (enfasi tat-Tribunal). Iddecidew li jibdluhom kollha. Bidluhom l-istess mudell u **<u>rrizulta l-istess problema</u>**. “Li gara kien illi l-injama ma kienetx tajba ghall-ambjent taghna”.

2. “Jiena personalment kont ftiehmt mal-konvenuta li nbiddlulha l-bibien ghal xi haga ahjar. Giet is-*showroom* u ghazlet il-bieba li ghogbitha. Fil-fatt konna wahhalna l-bibien kif maghzula minnha u fil-frattemp kien fadal bilanc ta’ LM538.00c u cioe’ ekkwivalenti ghal elf mitejn u tlieta u hamsin Ewro u ghoxrin centezmu (€1,253.20), u meta wahhalna l-bibien il-godda hi kienet talbitni zmien biex thallas biex tassigura ruhha li ma tergax tirrepeti l-problema”.

3. Kien sar ftehim li jhallu tghaddi sena ha jaraw ikunx kollox sew. Meta ghaddiet is-sena cemplilha ghall-hlas qalet li ma kienetx lesta thallas, anzi talbitu kumpens ghall-“*hassle*” li ghaddiet minnu. Qatt izjed ma lmintat minn xi difett u, fin-nuqqas ta’ hlas, kitbulha bl-avukat. Billi ma waslux, gie prezentat il-prezenti AVVIZ.

4. In kontro-ezami qal:-

“Irrid nghid illi l-bibien issa mwahhlin jaqblu fil-kulur hafna mal-bibien li kien hemm qabel. F’dan il-kuntest qed nigi muri pagna wahda bi tlett ritratti li qeghdin jigu mmarkati Dok JZ u qed jigi suggerit lili li tidher id-differenza fil-kulur bejn il-*frame* ta’ l-ghamara tal-kcina u l-bibien u nghid illi bhala stat ta’ fatt din hija problema li qed nisma’ biha l-ewwel darba llum, pero’ nsostni l-pozizzjoni tieghi li l-kulur tal-bibien illi ahna wahhalna jixbah hafna lill-bibien li kien hemm originali u nghid illi anke fil-kcina kif ikkonsenjata originarjament il-kulur ma kienx identiku l-istess mal-frame tal-kcina, anzi naghmel referenza ghar-ritratt illi jinsab fin-naha ta’ fuq ta’ Dok JZ u jidher fiha li l-kornicja hija l-istess kulur tal-bibien u l-kornicja ahna ma bdilnihiex.

“Qed jigi suggerit lili li bil-bibien il-godda s-sinjura mhux biss kellha problema bil-kulur, imma wkoll illi ma kienux qed jinghalqu tajjeb. Jiena nghid illi din hija problema li qed nisma’ biha issa. Il-bibien ghandhom setting fil-hinge

taghhom u jekk hemm bzonn ta' ftit settings, dawn facilment jistghu jsiru".

"Qed jigi suggerit lili li fil-fatt il-ftehim mas-sinjura wara li wahhalna dawn il-bibien kien li dan il-bilanc ninsewh ghall-iskarigg illi ghaddiet minnu l-konvenuta, jiena nghid illi dan ma kienx minnu".

B 1. Il-konvenuta bdiet biex qalet li skond l-"order confirmation" datata *08.01.03* il-ftehim kien suggett ghal "Delivery mid October. Very Important" (Dok JZ 1 *a fol* 85) b'danakollu l-konsenja saret f'Dicembru u dana b'xi affarijiet neqsin (Dok JZ 2). Kien f'April li wasal in-nieqes. Wara kellha ccemplilhom ghax bdew hergin il-mincotti tal-bibien tal-"cupboards". (Dok JZ 4). KREA bidlulha l-bibien fejn kien hemm problema bil-mincotti.

2. Regghu feggew difetti f'mincotti ohra u meta riedu anke hawn jibdlulha l-bibien "bir-rabja ghidtlu biex ibiddel il-kcina kollha". Ftehmu li tmur ix-"showroom" tara bibien ohra u xi haga ssib joghgobha zgur. Ghogbitha bieba lixxa b'gewwa abjad u mhux l-istess kulur tal-injama ta' barra (kif kien fl-original miftiehem). Ried ikun hemm ukoll tqabbil bejn il-kulur tal-bibien u dak tal-"frame" tal-"*cupboards*".

3. Il-bibien godda twahhlu fid-*09.03.2005* b'differenza fil-kulur bejn bieba u "frame" tal-"cupboards". Kien hemm anke l-laxk (Dok JZ 6-10). Qalulha li kienet kwistjoni ta' "*setting*" u hi lmintat li ma riedetx "*settings*" kull tant zmien. Kellha wkoll ilment iehor dwar il-pumi tal-fridge (Dok JZ 11)

4. Hawnhekk it-Tribunal jaghmel riferenza ghall-bqija tal-ilmenti dettaljati tal-konvenuta (fol 82-84). Jigi senjalat, izda, li l-konvenuta qed issostni li hi trid izzom il-kcina bid-difetti li fiha bla ma, izda thallas il-bilanc. Hi anke nkorriet spejjez (Dok JZ 17) ghal "*sealer*".

5. In kontro-ezami cahdet li l-qbil li ma thallasx il-bqija "hrigt bih illum". Il-qbil kien sar b'telefonata li saret fl-2005. Hi ma rrikorrietx ghal xi ittra legali izda kienet titkellem hi

man-nies tas-socjeta' attrici. Spiccat tghid, dwar il-kcina, "ghadni qed nuzaha fl-istat illi hi u dan la ma riedx jibdilhieli".

**KONSIDERAZZJONIJIET**

1. It-TRIBUNAL iqis li l-kaz li ghandu quddiemu gie simplifikat (ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni preliminari rigwardanti l-inkompetenza tat-Tribunal *ratione valoris*) meta l-konvenuta vverbalizzat (fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2009) illi l-kontestazzjoni hi dwar ghandux jithallas bilanc fl-ammont ta' elf mitejn u tlieta u hamsin lira Maltin u ghoxrin centezmu (LM1,253.20) u cioe' ekkwivalenti ghal elfejn disa' mija u dsatax-il Ewro u sbatax-ilcentezmu ( €2,919.17) jew le. Dak hu il-*quantum* li qed titlob, f'dan l-AVVIZ, is-socjeta' attrici u dak hu il-*quantum* li l-konvenuta ma tridx thallas. Hawn allura ma tregix it-tieni ecezzjoni preliminari.

2. Ghaliex il-konvenuta ma tridx thallas? Qed tavvanza zewg ragunijiet: (a) minhabba t-tant difetti riskontrati u l-konsegwenzi attinenti u (b) ghax is-socjeta' attrici **qablet** li ma jithallasx il-bilanc u dana ghall-istess raguni.

3. Hawnhekk ghandna konsumatur (il-konvenuta) li marret biex tixtri minghand is-socjeta' attrici, kcina u l-ftehim gie firmat, **ir-rabta ghat-tnejn** saret fit-8 ta' Jannar, 2003 li tistabbilixxi data preciza ta' konsenja, imnizzla b'dal-mod: *Delivery mid October* ***Very Important*** (enfasi tat-Tribunal). Meta l-affarijiet, il-ftehimijiet ma jsirux bil-kitba, jistghu jinholqu diffikulatjiet dwar ezattament x'gie miftiehem izda fejn hemm kitba wiehed ikun jaf **bi precizjoni** x'kien miftiehem. Targa, fil-kaz prezenti, il-kliem ***Very Important*** ma jistghux juru b'mod aktar car li l-akkwirent, il-konsumatur, ta mportanza lill-jum tal-konsenja. B'danakollu, s-socjeta' attrici naqset billi ghamlet il-konsenja **bin-nieqes** fl-ahhar ta' Dicembru.

4. Il-konsumatur **ghandu dritt,** ghax johrog flusu, li jistenna li l-haga konsenjata tigi mghoddija lilu mhux biss fiz-zmien miftiehem **imma bla difetti ta' xejn**. B'hekk

ikun hemm konsenja u hlas – wiehed idahhal flusu u l-iehor jibda jgawdi l-oggett u ma jafux izjed lil xulxin. Anzi, konsumatur kuntent hu l-aqwa reklam ghan-negozjant.

5. Fil-kaz taht ezami il-konvenuta minflok, dahlet f'bahar ta' nkwiet kif jirrizulta mix-xhieda dettaljata u konvincenti taghha munita b'ghadd ta' ritratti. Hawn it-Tribunal jara mhux xi konsumatur fitt jew li ma jissodisfa ruhu b'xejn izda konsumatur li jaf jesigi d-drittijiet tieghu u li stenna gustament soddisfazzjoni shieh u bla ebda "hassle" bhala korrispettiv ghal prezz shieh.

6. Issemma li l-konvenuta baqghet izzomm il-kcina u ma baghtithiex lura, ma ddepozitathiex. Ta min josserva dan, fir-rigward:

i) Il-konvenuta ipprokurat li tnizzel data specifika ta' konsenja indikata bhala *VERY IMPORTANT*.

ii) Qed nitkellmu fuq kcina li hu ambjent u facilita' li trid tuzaha ghadd ta' drabi kuljum.

iii) Il-konvenuta kellha li taghzel bejn *actio redhibitoria* u *actio aestimatoria* u ghazlet it-tieni rimedju biex tnaqqas l-iskomdu ghaliha u ma ssibx ruhha bi kcina vojta ghax min issuplixxa l-kcina m'ghamilx il-parti tieghu sew. Meta Chris Gauci qal li "l-injama ma kienetx tajba ghall-ambjent taghna", f'dan il-konvenuta, (il-klijenta) ma kienet tahti xejn.

7. Fir-rigward tal-kontenzjoni tal-konvenuta li s-socjeta' attrici accettat li ma tesigix il-hlas tal-bilanc, dan mhux soddisfacentement pruvat anke meqjus il-livell ta' prova mehtiega *in civilbus*.

8. It-TRIBUNAL jinnota li l-KAP 380 jghabbih bid-dmir specifiku li jqis kull talba u kontro-talba principalment (*ipsissimo verbo*) skond l-ekwita. Iqis li dan hu kas fejn ghandha tregi l-ekwita' eminentement. Hawn xieraq jigi notat li meta nqala l-inkwiet da parti tas-socjeta' attrici koperazzjoni kien hemm.

## <u>DECIZJONI</u>

Meqjus dak kollu mfisser hawn fuq, meqjus dak sottomess mill-partijiet anke b'NOTI, it-TRIBUNAL tiddeciedi billi,

wara li jqis dak ga deciz mit-Tribunal (1) jichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuta dwar l-inkompetenza tat-Tribunal *ratione valoris*, (2) jilqa t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta in parti billi jiffissa *quantum* ta' sitt mitt Ewro (€600) bhala ammont dovut mill-konvenuta lis-socjeta' attrici, (3) jilqa t-talba attrici limitatament ghall-*quantum* ta' sitt mitt Ewro (€600) (4) jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici l-*quantum* imsemmit ta' sitt mitt Ewro (€600) fi zmien tletin jum mil-lum u (5) bl-imghax mill-31 jum mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta jekk din ma thallasx lis-socjeta' attrici il-*quantum* indikat sat-tletin jum kif imsemmi.

Fic-cirkostanzi kull parti tbati l-ispejjez taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------